**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI ISTRUTTORJA**

**(Fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejha l-Qorti Rimandanti)**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag.Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dr. Mario Cuschieri)**

**-vs-**

**Oleksandr Voynarovskyy, detentur tal-Passaport Ukren numru EA717122.**

**.**

**Illum 26 ta' Gunju, 2017**

Il-Qorti,

Wara li rat li l-Pulizija ressqu b'arrest lil **Oleksandr Voynarovskyy,** aktar il-quddiem imsejjah l-estradant, sabiex dan jitregga' lura lejn l-Italja;

Wara li rat is-*Schengen Information System Alert* ghall-finijiet ta' estradizzjoni datat l-1 ta' Gunju, 2017, kif ukoll il-Mandat t'Arrest Ewropew mahrug mill-Giudice per le Indagini Preliminari fi hdan il Tribunale di Siracusa, awtorita` gudizzjarja gewwa l-Italja, pajjiz skedat a tenur ta' l-Artikolu 5 ta' l-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni, Avviz Legali 320 ta' l-2004 (Ligi Sussidjarja 276.05), aktar il-quddiem imsejjah 'l-Ordni', u wara li rat ic-Certifikat mahrug mill-Avukat Generali a tenur ta' l-Artikolu 7 ta' l-istess Ordni mahrug fl-1 ta' Gunju, 2017;

Wara li nhar it-13 ta' Gunju, 2017, ai termini tal-Artikolu 13A tal-Ordni, l-Qorti ordnat lill-prosekuzzjoni sabiex tingieb kjarifika minghand l-awtoritajiet gudizzjarji Taljani, dwar liema reat/i kienet qed tintalab it-treggija tal-estradand kif ukoll sabiex l-mandat ta' arrest ewropew mibghut mill-istess awtoritajiet ikun komplut korrettement hekk kif jesigi l-artikolu 5A(1) tal-Ordni u dan peress li –

a). il-mandat t'arrest originarjament mibghut ma kienx konformi mal-formola, li hemm fl-Anness li jinsab ma' l-Arranġament, li hi intiża biex tirriproduċi dettalji li jistipulaw l-informazzjoni meħtieġa bl-istess formola; u

b). ma rrizultax cjar jekk ir-reat dwar traffikar ta' persuni kienx ukoll inkluz hekk kif donnu gie indikat fil-mandat t'arrest ewropew u fil-Form A – *Supplementary information relating to extradition* relatata max-*Schengen Information System Alert (SISII).*

Wara li nhar il-21 ta' Gunju, 2017, gie prezentat mandat t'arrest ewropew li jissodisfa dak stipulat bl-artikolu 5A(1) tal-Ordni, kif ukoll *Schengen Information System Alert SISII* u *Supplementary Information* relatata mal-istess allert, fejn jirrizulta li r-reat li dwaru qed tintalab it-treggija hu dak imsemmi fil-partita nru 13 tal-Skeda 2 tal-Ordni, u cioe` dak ta' faċilitazzjoni ta' dħul u residenza mhux awtorizzati.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar jekk il-Mandat t'Arrest Ewropew kellux jigi milqugh u b'hekk l-estradant jitregga' lura lejn l-Italja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi fl-ewwel lok jigi rilevat li l-mandat t'arrest ewropew prezentat nhar il-21 ta' Gunju, 2017, jindika bhala data ta' twelid tal-estradand dik tat-22 t'Ottubru, 1990, meta kemm il-mandat t'arrest mibghut originarjament kif ukoll is-Schengen Information System Allert u s-Supplementary Information (Form A) jindikaw id-data tat-22 ta' Frar, 1990.
Illi kopja tal-passaport tal-estradand annessa mal-mandat t'arrest mahrug fil-konfront tieghu wkoll tindika id-data tat-22 ta' Frar 1990 bhala d-data ta' twelid tieghu. Dan jirrizulta ukoll mill-passaport tal-estradand esebit

f'dawn l-atti.[1] Ghalhekk ma hemmx dubbju, li ai termini tal-artikolu 10 tal-Ordni, l-estradand hu l-persuna li dwarha inhareg il-mandat.

Illi l-estradant huwa mfittex fl-Italja għall-finijiet tat-tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali għar-reati ta' faċilitazzjoni ta' dħul u residenza mhux awtorizzati.

Illi dawn ir-reati, galadarba huma reati skedati jew l-hekk imsejjha *'scheduled offences'*, jinkwadraw rwiehom bhala reati estradibbli ai termini tal-artikolu 59(2) Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni, li jipprovdi -

(2) L-imġieba tikkostitwixxi reat ta' estradizzjoni dwar pajjiż skedat jekk ikunu ġew sodisfatti dawn il-kondizzjonijiet:
(*a*) l-imgieba tiġri fil-pajjiż skedat u ebda ħaġa minnha ma tiġri f'Malta;
(*b*) ċertifikat maħruġ minn awtorità adatta tal-pajjiż skedat ikun juri li l-imġieba tkun kondotta skedata;
(*ċ*) iċ-ċertifikat ikun juri li l-imġieba tkun punibbli taħt il-liġi tal-pajjiż skedat bi priġunerija jew xi forma oħra ta' detenzjoni għal żmien tliet snin jew b'piena akbar.

Illi galadarba r-reat ta' faċilitazzjoni ta' dħul u residenza mhux awtorizzati hu reat skedat, ma hemmx htiega li din il-Qorti tghaddi biex tiddetermina jekk il-kondotta imputata lill-estradand fil-mandat t'arrest ewropew tikkostitwixxix ukoll reat taht id-dritt penali Malti.

Fl-Opinion ta' Lord Bingham of Cornhill, fid-decizjoni moghtija mill-House of Lords fl-appell fl-ismijiet ***Office of the King's Prosecutor, Brussels (Respondents) v. Armas*** inghad:[2]

> 5. Paragraph 2 of article 2 of the Framework Decision is central to the main issue in this appeal. It sets out a list of offences which have been conveniently labelled "framework offences". These are not so much specific offences as kinds of criminal conduct, described in very general terms. Some of these, such as murder and armed robbery, are likely to feature, expressed in rather similar terms, in any developed criminal code. Others, such as corruption, racism, xenophobia, swindling and extortion, may find different expression in different codes. Included in the list, and relevant to this case, are the offences of trafficking in human beings, facilitation of unauthorised entry and residence and forgery of administrative documents. Underlying the list is an unstated assumption that offences of this character will feature in the criminal codes of all Member States. Article 2(2) accordingly provides that these framework offences, if punishable in the Member State issuing the European arrest warrant by a custodial sentence or detention order for a maximum period of at least three years, and as

---

[1] Fol.20
[2] 17 November, 2005; SESSION 2005–06; [2005] UKHL 67; Hearing Date 12 October, 2005

defined by the law of that state, shall give rise to surrender pursuant to the warrant "without verification of the double criminality of the act".

This dispensation with the requirement of double criminality is the feature which distinguishes these framework offences from others. The assumption is that double criminality need not be established in relation to these offences because it can, in effect, be taken for granted. The operation of the European arrest warrant is not, however, confined to framework offences. Paragraph 4 of article 2 provides:

> "For offences other than those covered by paragraph (2), surrender may be subject to the condition that the acts for which the European arrest warrant has been issued constitute an offence under the law of the executing [i.e., the requested] Member State, whatever the constituent elements or however it is described."

While, therefore, Member States may not require proof of double criminality where framework offences are in question they may do so in relation to any offence not covered by that list…….

Illi fil-fatt id-*Deċizjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju, 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn Stati Membri magħmul f'Lussemburgu fit-13 ta' Ġunju, 2002*, adottat konformement mat-Titolu VI tat-Trattat, li ghandu l-pattijiet tiegħu stipulati fl-arranġament relattiv u pubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern li ggib id-data ta' l-1 ta' Ġunju, 2004, kif emendat bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta Frar, 2009, tipprovdi s-segwenti fl-artikolu 2:

> 2. L-offiżi li ġejjin, jekk huma punibbli fl-Istat Membru li joħroġ il-mandat bi sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas tlett snin u kif inhuma definiti mil-liġi ta' l-Istat Membru li joħroġ il-mandat, għandhom, taħt it-termini ta' din id-Deċiżjoni Kwadru u mingħajr verifikazzjoni tal-kriminalità doppja ta' l-att, jwasslu għaċ-ċediment skond mandat ta' arrest Ewropew: …..
>
> — il-faċilitazzjoni ta' dħul u residenza mhux awtorizzata,…..

Illi l-istess mandat t'arrest ewropew fis-sezzjoni *'c)'* tieghu jipprovdi li r-reat li dwaru qed tintalab it-treggija tal-estradand hu punibbli bi priġunerija massima ta' hmistax il-sena u ghalhekk jissodisfa ir-rekwizit tal-imsemmi artikolu 2.2 tad-Decizjoni Kwadru kif riflessa fl-artikolu 59(2)(c) tal-Ordni.

Ghaldaqstant ir-rekwiziti kollha kif stipulati bl-artikolu 59(2) tal-Ordni huma ghal kollox soddisfatti u ghalhekk ir-reat, li dwaru qed tintalab it-treggija, jikkostitwixxi reat ta' estradizzjoni.

Illi ma giet sollevata ebda raguni msemmija fl-artikolu 13 tal-Ordni li tammonta ghall-impediment ghall-estradizzjoni *('bar to extradition')*.

Ghaldaqstant ai termini tal-artikolu 24 tal-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni, Avviz Legali 320 ta' l-2004 (Ligi Sussidjarja 276.05) -

Tordna li l-estradant ghandu jinzamm taht kustodja fi stennija għat-treggigh lura tieghu lejn l-Italja, il-pajjiz skedat fejn inħareġ il-mandat.

Din l-ordni ghal-kustodja tal-estradant qeghdha ssir bil-kundizzjoni li l-estradizzjoni tieghu lejn l-Italja tkun soggetta dejjem ghal-*"law of speciality"* ossija in konnessjoni mar-reati addebitati lilu fil-Mandat t'Arrest Ewropew u msemmi fir-regolament 18 tal-Ordni.

Il-Qorti qeghdha, ai termini tar-regolament 25 tal-Ordni moqri flimkien mal-Artikolu 16 tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kap. 276 tal-Ligijiet ta' Malta, tinforma lill-estradant li:

(a) Hu mhux ser jigi mregga' lura lejn l-Italja qabel ma jghaddu sebat ijiem mid-data ta' din l-ordni ta' kustodja;

(b) Ghandu dritt li jinterponi appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali minn din l-ordni;

(c) Jekk jidhirlu li xi wiehed mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 10(1) u (2) tal- Att dwar l-Estradizzjoni gie miksur jew li xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja hija, tkun giet jew x'aktarx tkun sejra tigi miksura dwar il-persuna tieghu hekk li tkun gustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika ta' din l-ordni tal-kustodja tal-qorti, hu ghandu jedd titlob rimedju skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-istess Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja skond il-kaz.

Inoltre` a tenur tal-artikolu 73D ta' l-Ordni, il-Qorti tordna li l-'yacht' flimkien mal-oggetti kollha esebiti f'dawn il-proceduri jgħaddu lill-awtorità rikjedenti.

Finalment tordna li d-dokumentazzjoni t'identifikazzjoni prezentati in atti jigu rilaxxati f'idejn il-Pulizija Ezekuttiva ghall-finijiet ta' t-treggija' tal-estradant.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**MAGISTRAT**